MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 319/2001/1

**Avviz numru 319/01 DM**

**Raymond Cutajar**

**Vs**

**Charles Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ sitt mija u hdax-il lira Maltin (Lm611) dovuti bhala bilanc minn somma akbar ghal oggetti mixtrija u kkonsenjati lilu u li ghadu ma hallasx minghajr ebda raguni, kif imfissra car fl-ittra legali tas-17 ta’ Marzu, 2001, u l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Marzu, 2001, bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv; u;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Marzu 2001 u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu 2001, kif ukoll li huwa pprova jiffroda lill-attur billi pprezentalu cekkijiet li ma ssarfux u li kopja awtentikati taghhom giet annessa mal-avviz u mmarkata bhala dokument "A".

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur Raymond Cutajar u rat id-dokumenti originali minnu esebiti, ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' sitt mija u hdax-il lira Maltin (Lm611) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Marzu, 2001, u;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------